A.L. 289 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti tal-2003 dwar il-Kummerċ ta' *Equidae* ma Stati Membri (Kondizzjonijiet Zootekniċi u Genealoġiċi)

BIS-SAĦĦA tas-setghat moghtija bl-artikolu 34(d) ta' l-Att ta l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji il-Ministru għall Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Kapitolu I
Disposizzjonijiet Ġenerali

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kummerċ ta' *Equidae* ma Stati Membri (Kondizzjonijiet Zootekniċi u Genealoġiċi).

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' L-Unjoni Ewropeja 90/427/EEC dwar il-kondizzjonijiet

żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw il-kummerċ intra-kommunitarju ta' *equidae*. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxi l-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw il-kummerċ ta' *equidae*, is-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom ma' Stati Membri.

Definizzjonijiet

2. Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti -

(a) "*equidae*" tfisser annimali domestiċi ta' l-ispeċi ekwini jew asinini jew tnissil imħallat tagħhom;

(b) "*equidae* reġistrati" tfisser *equidae* li huma mdaħħla jew reġistrati u eliġibbli biex jiddaħħlu fi *studbook*; skond ir-regolamenti stabbiliti skond ir-regolament 4(2)(b) u identifikati permezz tad-dokument ta' identifikazzjoni provdut fir-regolament 8(1);

(ċ) "*studbook*" tfisser kull ktieb, reġistru, file, jew *data medium*

(i) li jinżamm jew minn organizzazzjoni jew ghaqda approvata jew rikonoxxuta uffiċjalment mit-territorju ta' Malta jew minn Stati Membri jew minn aġenzija uffiċjali tat-territorju ta' Malta jew ta' Stat Membru in kunwistjoni;

u

(ii) li fihom jiddaħħlu jew ikunu reġistrati *equidae* u li jissemmew l-antenati tagħhom.

(d) "Sieheb fil-kummerċ" skond kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji ghandha tfisser għall dawn ir-regolamenti –

(i) Stati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(ii) Pajjizi terzi fir-rigward ta' l-Unjoni Ewropea.

Kummerċ Intra-Kommunitarju ma Stati Membri

3. Kummerċ ma' Stati Membri f'*equidae* u s-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom ma jistax ikun projbit jew ristrett fuq raġunijiet żootekniċi jew ġenealoġiċi barra minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Izda, fil-kaz ta' kummerċ intra-kommunitarju f'*equidae* registrati, kif ukoll fis-semen, fl-ova, u fl-embrijoni taghhom, ir-regoli nazzjonali li jaqblu mar-regoli generali tat-Tratatt dwar il-kummerċ intra-kommunitarju, u għandha tibqa pendenti sakemm jigu infurzati il-kundizzjonijiet meħtiega tal-Kommunita Ewropea skond kif imnizzel fir-regolamenti 4 u 8.

Kapitolu II
Regolamenti Ġenealoġiċi dwar *equidae* reġistrati

Ir-rikonoxximent ta' organizzazjonijiet u registrazjoni fl-istudbooks

4. (1) Għandu jittieħed kont ta' dawn il-prinċipji li ġejjin meta jkunu adottati r-regolamenti riferiti fis-subregolamenti (2) -

(a) ir-rikonoxximent jew approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u ghaqdiet li jżommu jew joħolqu *studbooks,* għandu jkun soġġett għal qbil mal-prinċipji stabbiliti mill-organizzazzjoni jew ghaqda li żżomm l-*istudbook* ta' l-oriġini tar-razza;

(b) il-kriterji għad-dħul u reġistrazzjoni fi *studbooks* għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi tal-karatteristiċi tar-razza u b'mod partikulari, għal ċerti razez puri, fuq il-bżonn li jirregolaw id-dħul u r-reġistrazzjoni ta' *equidae* li jkunu prodotti permezz ta' metodi ta' riproduzzjoni artifiċjali.

(2) Ghandha tkun stabbilita skond ir-rekwiziti tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 34 (d) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u skond il-prinċipji mfassla fis-subregolament (1) għandhom ikunu stabbiliti:

(a) il-kriterji għall-approvazzjoni jew rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet u ghaqdiet li jżommu jew joħolqu *studbooks*;

(b) il-kriterji għad-dħul u r-reġistrazzjoni fi *studbooks*;

(ċ) jekk meħtieġ, il-kriterji u metodi użati biex ikunu dentifikati *equidae* reġistrati;

(d) il-kriterji għat-tfassil taċ-ċertifikat ta' oriġini u d-dokument ta' identifikazzjoni riferit fir-regolament 8;

(e) jekk meħtieġ, regoli biex jiżguraw ko-ordinament bejn l-organizzazzjonijiet jew ghaqdiet riferiti fir-regolament 5.

Lista ta' organizzazzjonijiet u ghaqdiet.

5. Il-lista ta' organizzazzjonijiet u ghaqdiet li jżommu jew joħolqu *studbooks*, li huma rikonoxxuti fuq il-bażi tal-kriterji li għandhom jiġu deċiżi skond ir-regolament 4(2)(a) u sussegwentement aġġornati, għandhom ikunu komunikati lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea.

Registrazjoni ta' equidae

6. (1) Fil-kummerċ ma' Stati Membri, *equidae* li huma reġistrati f'dawn il-pajjizi li jridu, ħlief meta jintlaħaq ftehim ta' deroga b'kunsens bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet jew ghaqdiet konċernati, ikunu reġistrati jew imdaħħla fl-*istudbook* xieraq tat-territorju ta' Malta meta jaslu fid-destinazzjoni, taħt l-istess isem, b'indikazzjoni, skond ftehim internazzjonali, ta' kull inizjali tal-pajjiż fejn twieldu.

(2) Fejn il-kostituzzjoni ta' l-organizzazzjonijiet jew ghaqdiet hekk tippermetti, l-isem oriġinali ta' l-annimal jista' jkun preċedut jew segwit minn isem ieħor fuq bażi temporanja jew permanenti, kemm-il darba matul il-ħajja ta' l-annimal, l-isem oriġinali jinżamm f'parentesi u li l-isem tal-pajjiż fejn sar it-twelid ikun indikat permezz ta' l-inizjali rikonoxxuti minn ftehim internazzjonali. Jistgħu jittieħdu miżuri alternattivi biex tkun salvagwardata l-identità kontinwa ta' l-annimal skond ir-rekwiziti tal-Komunita Ewropea u skond il-proċeduri stabbiliti fl-artikolu 34(d) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Kapitolu III

Regoli żootekniċi dwar *equidae* reġistrati

Monitoragg ta' hidma u stima tal-valur genetiku ta'annimali ghat-tnissil

7. Bi qbil mal-prinċipji stabbiliti fir-regolament 4(1), jistgħu jiġu deċiżi skond ir-rekwiżiti tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita l-artikolu 34 (d) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(a) il-metodi ta' *monitoring performance* u l-istima tal-valur ġenetiku ta' l-annimali tat-tnissil;

(b) il-kriterji ġenerali għall-approvazzjoni ta' annimal raġel tat-tgħammir jew, jekk xieraq, ta' annimal mara tat-tgħammir bil-għan ta' tnissil u l-użu tas-semen, l-ova jew l-embrijoni tagħhom, fuq il-bażi tal-metodi riferiti fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament.

Dokument ta' identifikazjoni ta' *equidae*

8. L-awtorita kompetenti ghandha tizzgura li –

(1) Fil-movimenti tagħhom, *equidae* reġistrati jkunu akkumpanjati minn dokument ta' identifikazzjoni mfassal skond ir-rekwiżiti tal-Komunita Ewropea u skond il-procedura stabbilita fl-artikolu 34 (d) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, u maħruġ mill-organizzazzjonijiet jew ghaqdiet riferiti fir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti u l-artikolu 2 (ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja 90/426/EEC, dwar

kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment ma' Stati Membri u l-importazzjonijiet ta' *equidae* minn pajjiżi terzi.

Id-dokument ta' identifikazzjoni għal żwiemel reġistrati, li għandu jitfassal fil-lingwi tat-territorju ta' Malta u ta' l-Istati Membri, ghandu ta' l-anqas jinkludi l-informazzjoni indikata fl-Iskeda; dik l-informazzjoni tista' tkun miżjuda jew emendata skond ir-rekwiziti tal-Komunita' Ewropea u skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 34 (d) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(2) Meta jkunu mibjugħa, is-semen, l-ova u l-embrijoni ta' *equidae* reġistrati jkunu akkumpanjati minn ċertifikat żootekniku ta' oriġini u identifikazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti, ta' l-anqas fil-lingwa tal-pajjiż destinatarju u konformi mal-mudell li għandu jitfassal skond ir-rekwiziti u l-Komunita' Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 34 (d) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Kundizzjonijiet li japplikaw għall-importazzjoni ta' *equidae* u s-semen, l-ova jew embrijoni minn pajjizi terzi

9. Sakemm jiġu implimentati regoli tal-Komunita' Ewropea dwar is-suggett, il-kundizzjonijiet li għandhom japplikaw għall-importazzjoni ta' *equidae* u s-semen, l-ova u l-embrijoni minn pajjizi terzi, ma jistawx jkunu aktar favorevoli minn dawk li jirregolaw il-kummerċ intra-kommunitarju bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

SKEDA

Informazzjoni Minima fid-Dokument ta' Identifikazzjoni

(1)

Nru. ta' identifikazzjoni

(2)

Isem

(3)

Sess

(4)

Kulur

(5)

Razza

(6)

minn

(7)

u

(8)

Data tat-twelid

(9)

Post fejn trabba

(10)

Isem ta’ l-awtorità kompetenti

(11)

Indirizz

(12)

Min irabbi

(13)

Numru tat-telefon

(14)

Ċertifikat ta’ oriġini validat f’:

(15)

minn:

(16)

Numru tal-*fax*

(17)

Firma (Isem b’ittri kbar u kariga ta’ min iffirma)

(18)

Timbru

(19)

Magħmul minn:

Fil-

Awtorita’

(20)

Deskrizzjoni ta’ marki

Ras

Ant. G

Sieq ta’ quddiem tax-xellug

Ant. D

Sieq ta’ quddiem tal-lemin

Post. G

Sieq ta’ wara tax-xellug

Post. D

Sieq ta’ wara tal-lemin

(21)

Distrett

(22)

Firma u timbru tal-veterinarju kwalifikat (jew awtorità kompetenti) (b’ittri kbar)